# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Nru:3002**

**Każ Nru: 4207/JB.**

**Fil- Kwistjoni tax-Xogħol**

**Bejn**

**Goodnesselect Ltd. (C.58510)**

**U**

**Wenesa Dylewska ( EN8799282)**

Illum: 05.06.2024

*Dwar allegat ksur tal-kuntratt ta' impieg in linea ma l-Art 36 (12) tal-Kap 452.*

**Chairperson: Sur John Bencini B.A. (Hons). Lic. Phil.Lic.Theology. M.O.M.**

**Referenza tal-Każ: (Tramite l-Avv. Edric Micallef Figallo)**

Il- konvenuta kienet ġiet impjegata mis-soċjetà' attriċi b'kuntratt ta' impieg datat 24 ta' Ottubru 2022 għal żmien fiss ( definit), bit-terminu tiegħu jkun dak miġjub fl-artiklu 2 tal-kuntratt miktub u cioe' terminu ta' sena. Il-konvenuta, unilateralment u anke jekk avżata bil-konsegwenzi mis-soċjetà' rikorrenti, għażlet li tirriżenja u tabbanduna l-impieg qabel it-tmiem taż-żmien ta' impieg definit kif pattwit bejn il-partijiet u hija għaddiet biex tagħmel dan b'effett mit-3 ta' Mejju, 2023, kif jidher mill-Jobsplus Termination Form li ġiet iffirmata mill-konvenut,

Il-konvenuta telqet mill-impieg skond il-parametri kontemplati fl-artiklu 36 (12) tal-Kap 452, u għamlet dan mingħajr ebda raġuni u, jew ġustifikazzjoni valida fil-liġi, u dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u *ex lege* tagħha lejn is-soċjetà' attriċi. Kienet ukoll, ġiet informata verbalment li minħabba tluq unilaterali tagħha mis-servizz mas-soċjetà' rikorrenti hija setgħet tkun dovuta tħallas somma lis-soċjetà' rikorrenti skond il-liġi, iżda l-konvenuta xorta prosegwiet għat-tluq tagħha minn dak is-servizz.

Il-konvenuta naqset milli tħallas is-somma su riferita li skond kalkoli ta' professjonist, imqabbad mis-soċjetà' attriċi, tammonta għal disa' mija u wieħed u erbgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu ( 941 Euro u 85 ċenteżmi).

**Talbiet tas-soċjetà Rikorrenti Goodnesselect Ltd:**

Ir-Rikorrenti talbet lit-Tribunal Industrijali jgħoġbu jikkonferma u jiddikjara li l-intimata naqset mill-obbligi tagħha versu s-soċjetà attriċi ai sensi tal-liġi. Konsegwentement għall-ewwel talba, jiddikjara l-intimata debitrici versu s-soċjetà attriċi tas-somma ta' Euro 941.85 jew somma verjuri, bl-interessi kif applikabbli skond il-liġi u tordna u tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjetà' attriċi l-ammonti kollha dovuti lilha kif dikjarat u skond il-liġi, u cioe' l-ammont ta' Euro 941.85, jew somma verjuri, u dan flimkien mal-imgħax dekoribbli skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament għas-saldu.

**Dikjarazzjoni tal-każ ta' Wenesa Dylewska (*tramite* Kelly Cini ):**

Illi l-intimata kienet impjegata mis-soċjetà' rikorrenti bħala 'waitress' fuq kuntratt definit ta' sena li kien jibda nhar l-24 ta' Ottubru, 2022. L-intimata irriżenjat b'mod verbali nhar l-21 ta' April 2023, jiġifieri li kien għadu għaddej il-perjodu tal-*probation*. Minkejja il-fatt li s-soċjetà' rikorrenti minnufih sabet impjegata oħra sabiex tieħu post l-intimata, hija aġixxiet b'*bona fide* u b'rispett għall-kollegi tagħha u baqgħet tmur għax-xogħol sat-3 ta' Mejju, 2023 sabiex tgħallem lill-impjegata l-ġdida kif għandu jsir ix-xogħol.

Fit-tieni lok u bla preġudizzju ghas-suespost, ir-raġunijiet għar-riżenja jikkostitwixxu raġunijiet validi u ġusti ai termini tat-tieni paragrafu tal-Artiklu 36 (14) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk l-intimata ma kisret ebda obbligu kuntrattwali jew legali lejn is-soċjetà'rikorrenti. L-intimata irriżenjat mill-impieg tagħha stante li ma kellhiex għażla oħra ħlief li tieħu din id-deċiżjoni u dan minħabba l-atteġġjament u l-aġir abbużiv li kienet qiegħda ssofri fuq il-post tax-xogħol u kif sejjer jiġi ppruvat fil-kawża odjerna.

Matul l-impieg tagħha, id-direttrici tal-istess soċjetà' rikorrenti, krejat fuq perjodu ta' żmien, ambjent billi kienet tissoggetta lill-intimata b'mod kontinwu għal tgħajjir u kliem ieħor dispreggjattiv, waqt il-qadi ta' dmirijietha bl-għan li tumiljaha, kemm privatament u kemm fil-preżenza ta' nies oħra. Tali atteġġjament ħalla impatt negattiv ħafna fuq is-saħħa mentali tal-intimata b'konsegwenzi fuq il-ħajja privata tagħha lil hinn mill-post tax-xogħol.

Li kieku ma kienx għal dan il-'*bullying'* u l-ambjent insapportabbli li ġie krejat fil-konfront tal-intimata, hija ma kinitx tittermina l-impieg, kif joħroġ ċar mill-fatt, illi meta l-intimata għamlet dan, ma kellha l-ebda tip ta' introjtu ieħor sabiex tgħix u ma kellhiex impieg ieħor jistenniha, tant li għadha s'issa mingħajr impieg.

In vista tas-suespost u kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori ta’ din il-kwistjoni tax-xogħol, l-intimata Wenesa Dylewska itterminat l-impieg tagħha mas-soċjetà’ rikorrenti waqt il-‘*probation’* jew minħabba raġuni valida u suffiċjenti fil-liġi u li għalhekk it-talbiet kolla għandhom jiġu miċħuda.

**XHIEDA:**

Fost oħrajn xehdu: Ewa Wiktoria Milewska, Jean Paul Attard, Wenesa Dylewska, Cristian Isopo, Marco David Gnudi u Katarzynia Satola.

**TRATTAZZJONIJIET MILL-AVUKATI: (Fil- Qosor).**

**L-Avv. Edric Micallef Figallo għas-soċjetà Rikorrenti:**

L-azzjoni tas-soċjetà’ attriċi kienet ċara mill-bidu u għal għal-fini tas-soċjetà attriċi bħala prova, dak li kien jeħtiġilha tressaq  fuq pagamenti ta’ penali għall-abbandun tal-impieg.

Ejja naraw il-provi li ressqet l-intimata bħala xhieda li jixhdu. Kien hemm, il-persuna tagħha stess, l-għarus tagħha Marco Gnudi, li tafha minn tfulitha. Ikkonfermat in-kontro-ezami, li din il-ħabiba tal-intimata qatt ma rifset fl-istabbiliment tas-soċjetà’ attriċi, u ma tafx min hi d-direttriċi, li dwarha qed isiru l-allegazzjonijiet t’aġir abbużiv kontra l-intimata. Qalet li dak kollu li taf, qalitulha l-intimata stess. Hemm l-allegazzjoni li tat l-intimata dwar ir-riżenja tagħha, u l-allegazzjoni tal-aġir abbużiv. Kien hemm il-kuntratt li jgħid ċar u tond, li kull notifika bejn il-partijiet, trid issir bil-miktub. Għalhekk kien meħtieġ riżenja bil-miktub, u din ma ngħatatx.

Hawnhekk il-Prinċipal irid joqgħod attent, minn impjegat li jgħidlu ha nitlaq jew xi haġa simili u dan għax forsi u dan għax tista’ issir fis-saħna tal-mument jew il-persuna tkun għaddejja minn xi problemi. Allura, il-prinċipal, bi prudenza, irid jitlob li jkollu konferma. Li hu fatt, li għamlet id-dikjarazzjoni bil-miktub fis-26 t’April, 2023, li qaltilha bil-fomm, Riedet tikkonfermah qalet. Li hu fatt li għamlet id-dikjarazzjoni bil-miktub. Jiena, jekk qed tiġi allegata xi forma ta’ vjolenza, li t’invalida din il-firma u din id-dikjarazzjoni, jien, bir-rispett kollu, insostni li mhux tenibbli.

Nixtieq ngħaddi għax-xhieda tal-intimata fl-24 ta’ Fahhar ta’ din is-sena - qalet testwalment dwar allegat maltrattament fil-ħanut quddiem il-pubbliku. *“The clients told me that I was not being reated nicely”.* Pero’, imbagħad, kontro-eżaminata..ma kinitx taf tghid min huma dawn ilk-klijenti u biddlet ukoll id-diska, qalet, *‘ saw me’*, u mhux ‘*told me’.* Allegat li t-traskrizzjoni kienet skorretta, u

hawnhekk forsi wieħed jistieden, lit-Tribunal, jisma’ anke r-reġistrazzjoni. Ma kinitx kapaċi ġġib, xi xhieda, impjegati. Jew ex-impjegati li m’għandhomx konflitt ta’ interess.

Nissottometti, li dan it-Tribunal jirregola l-proċedura tiegħu stess, u nagħmel referenza għas-sub artiklu 3, tal-78, tal- Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali . Mhux hekk biss, il-leġislazzjoni sussidjarja, ir-regoli dwar proċeduri tat-Tribunal Industrijali.

**Kurt Zahra għal-impjegata intimata:**

Fis-seduta preċedenti, il-qbil kien li kellhom jiġu ppreżentati *rosters*.  Issa fin-nota li ppreżenta l-kollega, ġew ippreżentati, hemm *pay slip* u messaġġi oħra, li dan lanqas biss ġew trattati fuqhom. Allura aħna qed ngħidu, ejja nimxu ma’ dak il-ftehim li sar fis-seduta preċedenti, hemm il-messaġġi u l-*pay slip*, għandhom jitneħħew. Ir-*rosters* m’ għandna l-ebda għalihom.

Niġi għat-trattazzjoni fuq il-mertu ta’ dan il-każ. Ħa nagħmel referenza ghad-dati għax id-dati huma importanti immens. Wenesa Dylewska bdiet il-kuntratt tagħha fl-24 ta’ Ottubru, 2022 u kellha kuntratt għal sena li jagħlaq fit-23 ta’ Ottubru, 2022, b’sitt (6) xhur *probation*. Minn dawn il-proċeduri, ħarġu tlett dati importantissimi. Ħareġ il-21 t’ April, 2023, jiġifieri, hija d-data, l-aħħar ġurnata tal-*probation,* u is-26 t’ April, meta ġiet iffirmata, meta *actually* irriżenjat, kien il-21 t’ April, ir-riżenja saret fil-perjodu tal-*probation*. Meta giet, u ngħida, mġiegħla, tiffirma l-ittra tar-riżenja, bid-data dettata lilha, u dan joħroġ mit-*transcripts* ukoll, għax l-intimata fix-xhieda tagħha qalet, jien ridt inniżżel id-data 21 t’April. Imma jiena ġejt imġegħla, u din, meta ma kien hemmx kontestazzjoni fuqha, kien hemm pressjoni, biex jiena, l-ittra tar-riżenja, nagħmilha, waqt il-*break*, waqt li kont xogħol fil-preżenza tal-*employer* tiegħi….. Dan kien hemm, inħoloq ambjent ostili, nazzarda ngħid, tossiku.

Jista’ jsir l-argument li t-*termination* kellha ssir permezz t’ittra ta’ riżenja iżda ir-referenza li qed tagħmel l-attriċi, hija għan-*notices*, in-*notices* kellhom jinghatu b’mod verbali. L-intimata ma kellha l-ebda oġġezzjoni, li tagħmel dan bil-miktub, u fil-fatt, dan kienet se tagħmlu. Aħna li qed nikkontestaw, il-mod kif ġiet imġegħla, kif saret pressjoni fuqha, tiffirma d-data tas-sitta u għoxrin t’ April, li mbagħad taqbeż b’jumejn, il-perijodu tal-*probation*.

**KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il- kompitu ta’ dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk dan kienx każ tal- ksur tal-kuntatt tal-impieg in linea mill- ART 36 (12) li jgħid, *“impjegat li jitlaq mis-servizz tal- prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifiku fil-kuntratt ta’ servizz għandu*

*jħallas lill-Prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem".*

Dan għamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess u dan kif sponut mix-xhieda id-dokumenti mill-partijiet u t-trattazzjoni finali tal-Avukati.

It-Tribunal għandu quddiema sitwazzjoni fejn l-intimata Wenesa Dylewska kienet impjegata mas-Socjeta' Rikorrenti bħala '*waitress'* fuq kuntratt definit ta' sena. L-intimata rriżenjat b'mod verbali waqt li kien għadu għaddej il-perjodu tal-'probation', li skond il-kuntratt ippreżentat lill-intimata, artiklu 2, qed jghid li, *"Subject to the provisions for termination as hereinafter provided, the term of this Agreement is of a definite duration of one (1) year, subject to a probationary period of 6 months."*

Hawnhekk, it-Tribunal jagħmilha ċara li fuq kuntratt definit ta' sena, il-*probation period* kellu jkun ta' erbgħa (4) xhur u mhux ta' sitta (6).

Dwar id-data tar-riżenja, ir-rikorrenti, fix-xhieda tagħha tal-24 ta' Jannar, 2024, xehdet li hi irriżenjat fil-21 ta' April, 2023 b'mod verbali u irrepetita l-għada. Fil-fatt hija sussegwentament tat ir-riżenja tagħha bil-miktub fis-26/4/2023.

Fix-xhieda tagħha, fl-24 ta' Jannar 2024, ir-rikorrenti xehdet li fil-bidu, ir-relazzjoni tagħha ma Ewa Wiktoria Milewska kienet tajba, iżda imbagħad bdew jiddeterjoraw, Hija tghid*," she would get angry at me and complain…. There was also rude comments about me…. Eva was constantly complaining on me, on being too slow….she would raise her voice, say something rude to me, in front of the clients…. the clients told me that I was not treated nicely….. she was actually working against my well-being. And she was making it harder for me…more situations like rude comments, vulgar language, swearing… I was feeling, like, I don't want to say slave..but, it was, you know…. It affected me mentally, I was feeling very vulnerable.. I was feeling emotionally distressed… I just felt, I was trapped…. I did'nt see, any other way, to improve my situation, than to leave…. I was very stressed…. I was emotionally exhausted.. after I left the job."*

It-Tribunal analizza bir-reqqa ix-xhieda kollha jasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti wara li kien ilha taħdem mal-kumpanija, wara bidu pjuttost tajjeb, bdiet tiġi stmata b'nuqqas ta' rispett u b'atteġjamenti ħżiena kważi b'mod abitwali tant illi kienu qed iħalli qed iħallu impatt kbir fuqha.

Mill-evidenza prodotta fit-Tribunal jirriżulta ċar illi l-intimata kienet impjegata kuxjenzjuża, tipprova tagħmel dmirha mill-aħjar li setgħet anki f'ċirkustanzi fejn

jidher illi mhux biss ma kinitx qed tiġi apprezzata imma saħansitra trattata ħażin. Dan joħroġ biċ-ċar anki mill-fatt illi minkejja illi hija riedet titlaq mill-impjieg minħabba illi l-klima fil-konfront tagħha kienet saret insapportabbli hija xorta waħda tat sehemha biex tħarreġ l-impjegata li kienet ser tkun qed tieħu *over* minnha.

It-Tribunal m'għandu ebda dubju mill-assjem tal-provi miġjuba quddiemu illi dan huwa każ ta' *constructive dismissal*, fejn impjegata intortament sabet ruħha f'pożizzjoni fejn ma setgħetx tibqa' fl-impjieg. Dan mhux minħabba xi nuqqasijiet jew ċirkostanzi attribwibbli lilha imma unikament minħabba ċirkostanzi insapportabbli li ġew, inbdew jew tħallew isiru min naħa tal-*employe*r.

**DECIDE:**

Wara li għamel dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha kif imsemmija hawn fuq, it-Tribunal qed jasal għal konklużjoni, li l-intimata kellha raġuni ġusta u suffiċjenti fil-liġi sabiex tittermina l-impjieg tagħha u li għaldaqstant it-Tribunal jiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

Is-Sur, John Bencini B.A. (Hons), Lic.Phil, Lic.Theology, M.O.M.

Chairman